MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 332/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Settembru 1985 kif jindika c-certifikat anness bhala dokument "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza Art 19(1)(a) Kap 255;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita tal-parti l-ohra; Art 19(1)(b) Kap 255;

Illi l-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art 19(1)(d) Kap 255;

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz- zwieg Art 19(1)(f) Kap 255;

Illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur Art 19(1)(g) Kap 255;

Illi wahda mill-partijiet ghalhekk mhux interdetta jew marida b'mohhha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg Art 19(1)(h) Kap 255;

Illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta zzewgu biss ghaliex il-konvenuta kienet inqabdet tqila u dan biss fit-tieni darba li l-attur hareg mal-konvenuta. Dok B huwa certifikat tat-twelid tat-tifla tal-partijiet – cioe biss erba' xhur wara z-zwieg. L-attur kellu 23 sena u l-konvenuta 24 sena. Dak iz-zmien li l-konvenuta harget tqila l-attur kien gharus bic-curkett ma' persuna ohra – certa omissis.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1) Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Settembru 1985 huwa null ai termini tal-Art 19 (1)(a)(b)(d)(f)(g)(h) tal-kap 255 tal-ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta hija ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attur u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ April, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-17 ta’ April 1994 a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (a), (b) (f) (g) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta hija kontumacji u ma ressqitx provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’ materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni, imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament*

*ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenuta hija kontumacji u dan ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attur jghidu hekk;

19 1 (a) – jekk il-kunsens ikun miksub bi vjolenza fizika jew morali jew biza;

19 (1) (b) – li l-kunsens ikun eskluz bi zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra;

19 (1) (c) – il-kunsens ikun vizzjat b'difett serju ta'diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (g) li wahda mill-partijet tkun rabtet il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall futur;

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa jidher li l-partijiiet gew indotti jizzewwgu wara li l-konvenuta harget tqila ftit gimghat wara li bdew

jiffrekwwntaw lil xulxin. Jidher li anke kellhom pressjoni minn sacerdot biex jizzewgu, barra dik tal-genituri. Ghalhekk ma hemmx dubbju li t-talba attrici ghandha tigi milqugha a bazi ta' l-ewwel sub-artikolu citat.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-partijiet kuntrattat fil-15 ta' Settembru 1985. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------